**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Settembru, 2019**

**Talba Nru: 504/2018 PM1**

**Yachting Concept International Limited (C81009)**

**Vs**

**Oksanchik Limited (C77498)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 t'Ottubru, 2018 illi permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, it-Tribunal

jiddikjara li s-socjeta` intimata debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' erbat elef sitt mija u tnejn euro (€4602) u tikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont dovut ta' erbat elef sitt mija u tnejn euro (€4602) bl-ispejjez.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 8 ta' Novembru, 2018 li permezz taghha, eccepiet :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fi-fatt u fid-dritt u ghndhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta` intimata mhux debitrici tas-socjeta` attrici fl-ebda ammont.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` konvenuta ma tat l-ebda inkarigu lis-socjeta` attrici sabiex tippresta xi servizz fl-interess ta' u/jew inkarigata biex tesegweixxi xi servizz fl-interess u/a spejjez taghha.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
4. Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici ingunta in subizzjoni.

Ra l-affidavit ta' Thierry Roux u dokumenti annessi prezentata waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar, 2019.

Ra n-nota tas-socjeta` intimata li permezz taghha gew ezebiti t-twegibiet bil-miktub ghad-domanti in kontro-ezami lil Thierry Roux.

Ra l-affidavits ta' Adrian Sacco u Joanne Fenech u dokument anness prezentati fl-1 t'April, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Joanne Fenech in kontro-ezami waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju, 2019 u x-xhieda ta' Adrian Sacco in kontro-ezami waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019.

Ra n-nota tas-socjeta` konvenuta datata 28 ta' Gunju, 2019 u d-dokument issigillat u anness maghha.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi l-kawza odjerna essenzjalment tirrigwardja talba ghall-hlas dovut ghal servizzi allegatament provduti mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta. Da parti taghha s-socjeta` konvenuta, filwaqt li tammetti li hija kienet sid il-bastiment M/Y Oksanchik fil-mument tal-ingagg tas-socjeta` attrici, tikkontendi li hija m'ghandhiex tigi ritenuta marbuta bl-obbligazzjonijiet kuntrattwali sottoskritti mill-kaptan tal-bastiment taghha u dana peress illi hi qatt ma talbet ghal tali servizzi u qatt ma awtorizzat lill-istess kaptan sabiex jingaggja s-servizzi tas-socjeta` attrici.

Illi f'dan ir-rigward is-socjeta` attrici tramite x-xhud taghha Thierry Roux, tissottometti li huma kienu gew ikkuntatjati mill-Kaptan tal-istess bastiment "*to engage us to manage the vessel in question*" (affidavit a fol. 11 tal-process). Da parti taghha s-socjeta` konvenuta tikkontrabbatti dan tramite x-xhieda ta' Adrian Sacco u Joanne Fenech li: « *As Captain, Kevin Johnson was given the general authority in regard to the day to day management of the vessel but his authority did not extent to the power to legally bind the owning company other than as may be specifically approved in advance by the Directors of the owning company.* » (affidavit a fol. 33 tal-process)

Illi ghaldaqstant il-punt li t-Tribunal qed jintalab jiddeciedi huwa proprju dak legali dwar jekk il-kaptan tal-bastiment M/Y Oksanchik setax validament jorbot lis-socjeta` konvenuta bhala sid il-bastiment fir-rigward tal-ingagg tas-socjeta` attrici u l-hlasijiet dovuti ghas-servizzi provduti minnha.

Illi s-soluzzjoni ghal din id-domanda tinsab testwalment provduta mit-Taqsima IX tal-**Att dwar il-Bastimenti Merkantili** (Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta) li jiddetermina proprju r-responsabilita` ta' sidien tal-bastimenti, inkluz ghal atti konkluzi mill-kaptan tal-

bastiment, u l-limitazzjonijiet ghall-istess skont il-kazistika applikabbli li interpretat b'mod kostanti tali responsabiltajiet. F'dan ir-rigward l-art. 347 tal-istess Att jipprovdi li:

> *"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, u għal kull esklużjoni jew limitazzjoni oħra provduta bil-liġi dwar il-ġarr ta' merkanzija jew xort'oħra, is-sid ta' bastiment ikun responsabbli għall-obbligi kollha kuntratti mill-kaptan dwar il-bastiment, u jkun responsabbli għal kull danni li jiġru b'għemil jew b'nuqqasijiet fin-navigazzjoni jew fit-tmexxija tal-bastiment."*

Madanakollu din id-disposizzjoni tal-ligi giet diversi drabi interpretata mill-Qrati Taghna fis-sens illi :

> *«L-artikolu 347 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li "sid il-bastiment ikun responsabbli ghall-obbligi kollha kuntratti mill-kaptan dwar il-bastiment, u jkun responsabbli ghal kull danni li jigru b'ghemil jew b'nuqqasijiet fin-navigazzjoni jew fit-tmexxija tal-bastiment."* ***Dan l-obbligu jezisti nkwantu l-kaptan, bhala l-persuna responsabbli ghall-bastiment, ghandu wkoll ir-rappresentanza ta' sid il-bastiment u jorbot lis-sidien <u>sakemm ma jmurx oltre l-obbligi u d-dmirijiet imposti jew koncessi lilu.</u>*** *Naturalment dan il-principju ma japplikax meta l-bastiment, tramite "bareboat charter" johrog mill-kontroll tas-sid billi, f'dawk l-okkazzjonijiet l-kaptan u l-crew jkun gew mahtura mill-istess charterer. Izda meta sid il-bastiment ghandu l-kontroll effettiv, tramite l-kaptan, dan jista' u ghandu jigi kunsidrat bhala l-"carrier" hlief f'dawk l-okkazzjonijiet meta c-cirkostanzi jkunu juru li dan mhux il-kaz. Din pero` hija eccezzjoni ghar-regola u bhala tali hu mistenni li meta sid il-bastiment jallega sitwazzjoni simili, trid tingieb prova cara u inekwivoka, li turi li r-responsabbilita` ma hijiex ta' sid il-bastiment izda ta' terza persuna u cioe` c-charterer.»* (**Av. Dr Philip Manduca noe. v. Sun Maritime Limited**

> deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 t'Ottubru, 2004 u citata b'approvazzjoni fis-sentenza **Dr. Ann Fenech noe. v. Il-bastiment Gran Michelangelo** deciza mill-Onor. Prim'Awla fis-17 ta' Settembru, 2013 fost ohrajn - enfazi mizjuda).

Illi issa fil-kaz in ezami mhux qed jigi allegat li l-kaptan ma setax jorbot lis-sidien ghaliex kien hemm fis-sehh xi *charter* fir-rigward tal-istess bastiment imma ghaliex il-kaptan mar oltre «***l-obbligi u d-dmirijiet imposti jew koncessi lilu***". Huwa car li l-ligi m'hijiex intiza sabiex tkopri dak kollu li l-kaptan jidhirlu li jista' arbitrarjament jaghmel inkluzi spejjez inkorsi minnu minghajr ebda gharfien jew kontroll da parti tas-sid u lilhinn minn dak li kaptan ta' bastiment huwa legalment tenut jew mehtieg jaghmel ghall-bastiment u l-amministrazzjoni tal-istess. Din il-limitazzjoni fil-poteri rapprezentattivi tal-kaptan, kostantement sancita mill-kazistika nostrana, necessarjament tirreferi kemm ghall-volonta` tas-sid tal-bastiment li jawtorizza o meno lill-kaptan sabiex jagixxi f'ismu u wkoll ghal dawk l-aspetti li l-ligi stess timponi fuq jew tikkoncedi favur il-kaptan. Certament illi l-ebda parti mil-ligi ma tista' b'xi mod tigi interpretata li timponi jew tikkoncedi lill-kaptan l-obbligu jew id-dmir li jingaggja terzi persuni sabiex jirregistraw kumpanniji (*manning company*) jew jiggestixxu funzjonijiet bankarji ai fini tal-ingagg ta' ekwipagg f'isem is-sidien, perdipiu` skont ir-rati partikulari tas-socjeta` attrici.

Illi f'dan ir-rigward is-socjeta` attrici ma setghetx tigi ingaggjata mill-kaptan tal-bastiment sabiex tipprovdi servizzi li kjarament imorru ferm oltre d-dmirijiet u l-obbligi koncessi u/jew imposti fuq l-istess kaptan in rapprezentanza tas-sidien tal-bastiment, tonqos milli tikkonferma li s-socjeta` konvenuta in kwantu sid tal-vapur kienet awtorizzat l-ingagg u l-kont taghha salv li tikkuntattjaha meta tohrog il-kont u tippretendi hlas minghandha. Kien certament jinkombi fuq is-socjeta` attrici li, jekk tassew riedet li l-ingagg taghha jkun jorbot lis-socjeta` konvenuta, tara jew li, tenut kont tan-natura partikulari tas-servizzi provduti minnha, il-kaptan kien debitament awtorizzat sabiex jikkonkludi tali ingagg skont ir-rati provduti mis-socjeta` konvenuta stess jew li l-htiega ta' tali ingagg kien naxxenti minn xi obbligu jew dmir impost fuq l-istess kaptan mil-ligi

stess. F’dan ir-rigward id-dikjarazzjoni tal-Kaptan li kien hekk awtorizzat tinsab kontradetta mis-socjeta` konvenuta. Id-dikjarazzjoni tal-kaptan li huwa kien ikkonsulta lill-beneficcjarju tal-bastiment ma tinsabx konfermata mill-istess beneficcjarju li, bil-kitba, jiddikjara li huwa stess lanqas jista’ jifhem il-htiega tal-arrangjament milhuq bejn il-kaptan u s-socjeta` attrici u li, x’aktarx, il-kaptan gie suggerit illi jilhaq dan l-arrangjament ghaliex m’huwiex “*financially savvy*”. Ghat-Tribunal din id-dikjarazzjoni da parti tal-beneficcjarju hija sufficjenti sabiex teskludi, fin-nuqqas ta’ prova kuntrarja bil-kitba bhalma hi prokura specjali jew rizoluzzjoni kif komunement rikjest f’tali cirkostanzi, xi awtorizzazzjoni mill-beneficcjarju li l-kaptan kien awtorizzat jagixxi, b’mod apparenti f’isem sid il-bastiment fir-rigward tas-servizzi provduti minnhom jew li sid il-bastiment accetta jew irratifika tali ingagg **<u>inkluzi r-rati tax-xoghol pretizi minnhom</u>**. Ma giet ezebita ebda korrispondenza la bejn is-socjeta` attrici u l-kaptan li fiha kien ikkupjat il-beneficcjarju u lanqas korrispondenza ohra bejn il-kaptan u l-beneficcjarju li permezz taghha seta’ jigi pruvat li tali sid beneficcjarju kien effettivament awtorizza is-servizzi tas-socjeta` attrici bir-rati proposti minnhom imma jidher li l-istess socjeta` attrici strahet merament fuq l-awtorizzazzjoni u t-timbru tal-kaptan. Dana lilhinn mill-fatt li l-azzjoni odjerna m’hijiex diretta kontra tali beneficcjarju imma kontra s-socjeta` konvenuta bhala sid il-bastiment fiz-zmien relattiv. Jinsab inkontestat bejn il-partijiet li r-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta qatt ma taw il-kunsens taghhom ghall-arrangjament konkluz mill-kapitan u ghar-rati ta’ xoghol offerti mis-socjeta` attrici.

Illi ai fini ta’ kompletezza t-Tribunal jinnota li l-fatt wahdu li din is-socjeta` ggib l-isem ta’ Oksanchick Crew Management Limited ma jfissirx li din is-socjeta` hija fil-fatt proprjeta` tas-socjeta` intimata, servitha jew qed isserviha xi beneficcju. Is-socjeta` attrici naqset milli tressaq prova cara li s-socjeta` intimata hija s-sid effettiv ta’ din is-socjeta` jew ukoll ghandha xi involviment fl-istess socjeta` (bhal, per ezempju, tramite l-*memorandum and articles* jew l-estratt tar-registru tal-membri tal-istess socjeta`). Lanqas ma ressqet provi dwar minn fejn gie derivat ix-*share capital* relattiv oltre dettalji ohrajn koncernanti l-ftuh tal-kont bankarju, numri tal-PE u Sigurta` Socjali. F’dan ir-rigward

Joanne Fenech xehdet li: "*it was Oksanchik Limited that used to look after the payroll of the crew members, it has its own bank account and the crew was being paid precisely through this bank account which pertains to Oksanchik Limited.*" (fol 42 et. seq. ta-process).

Illi, kif inghad, lanqas ma gie pruvat li x-xoghol prestat mis-socjeta` attrici kien mehtieg mill-kaptan tramite xi obbligu jew dmir legalment impost fuqu. L-ebda ligi ma tehtieg li sabiex kaptan jiehu hsieb l-interessi tas-sid fuq il-bastiment hemm bzonn li jqabbad jew li jiddelega lil terzi bil-formazzjoni ta' socjetajiet kummercjali jew servizzi ohrajn ghall-hlas tal-ekwipagg. Bil-kontra ta' dan,  gie pruvat li l-ghazla li jigu ingaggjati s-servizzi tas-socjeta` attrici, inkluz li tigi ffurmata tali kumpannija, kienet ghazla unilaterali tal-kaptan u mhux bhala konsegwenza ta' xi dmir jew obbligu impost fuqu. Kwindi ghandha ragun is-socjeta` konvenuta meta targumenta li b'tali ghazla l-kaptan mar oltre l-mansjonijiet li komunement jaqghu fil-kompetenza tieghu u li ghalihom japplika l-art. 347 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Konsegwentement is-socjeta` konvenuta ma tistax tigi ritenuta marbuta bl-obbligi assunti mill-kaptan tal-bastiment lilhinn mill-obbligi u dmirijiet tieghu kemm skont il-ligi kif ukoll skont il-poteri koncessi lilu mis-socjeta` konvenuta.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**